# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' April 2018**

**Numru 19**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 100/2016/1 JPG**

**Grace Spiteri**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attriċi mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru 2017 li biha sabet li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt fondamentali tagħha għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["”il-Kostituzzjoni] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"] u lanqas ma kien hemm ksur tad-dritt fondamentali tagħha għal rimedju effettiv taħt l-art. 13 tal-Konvenzjoni fit-tmexxija tal-proċeduri ċivili fl-ismijiet Grace Spiteri *v.* Amabile Grech *et*.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-attriċi fet]et kawża ċivili quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Frar 2015 kontra Amabile Grech, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Bord tas-Seervizzi Ġenerali kif ukoll kontra l-Perit Arkitett Marvin Ellul u dan wara li ttellgħet binja fuq in-naħa ta' wara tad-dar tal-abitazzjoni tagħha u ta' ħutha, li, tgħid l-attriċi, ma ħarsitx id-distanzi li trid il-liġi mill-proprjetà tagħha.

3. Waqt is-smigħ tal-kawża, l-attriċi kienet *inter alia* talbet lill-qorti sabiex: i. taħtar peritt arkitett (spejjeż tagħha) sabiex jirrelata dwar id-distanza li dwarha l-attriċi kienet qiegħda tilmenta; ii. tawtorizza lir-rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar (li kien imħarrek bħala xhud ewlieni tal-attriċi) jippreżenta l-*files* kollha li għandhom x'jaqsmu mal-permessi mitluba mill-konvenut Amabile Grech dwar l-iżvilupp li huwa għamel fis-sit in kwistjoni.

4. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri hawn fuq imsemmijin ċaħdet dawn iż-żewġ talbiet tal-attriċi u, minflok, ordnat lir-rappreżentant tal-awtorità sabiex jippreżenta biss xi estratti mill-*files*.

5. Wara li dawn iż-żewġ talbiet ġew miċħuda, l-attriċi ħasset li l-imħallef sedenti kien qiegħed "jimpediha milli tressaq l-aqwa prova li setgħet tipproduċi" u li l-atteġġjament tiegħu kien "wieħed ċar li jxaqleb kontra tagħha b'mod li kien qed jippreġudika l-istess każ tagħha". Peress illi ħasset li kien hemm nuqqas ta' imparzjalità, b'rikors talbet ir-rikuża tal-imħallef. Din it-talba iżda ġiet miċħuda b'dikriet mogħti fil-31 ta' Ottubru 2016.

6. L-attriċi għalhekk fetħet il-kawża tallum sabiex titlob lill-qorti:

»1. tiddikjara li hemm jew li jista' jkun hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq a bażi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u ksur tad-drittijiet fundamentali għal rimedju effettiv a bażi tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan fir-rigward tal-artikolu 378 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġijiet relattivi hekk kif applikati fil-kawża nru. 100/2015, presjeduta mill-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, fl-ismijiet Grace Spiteri *et v.* Amabile Grech *et*;

»2. tiddikjara li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq a bażi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u ksur tad-drittijiet fundamentali għal rimedju effettiv a bażi tal-aritkolu 13 tal-Konvenzjoni dwar Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (regolata wkoll mill-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u dan fir-rigward taċ-ċaħda għat-talba ta' rikuża tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff permezz ta' provvediment ta' nhar il-31 ta' Ottubru 2016, mogħti fil-kawża bin-numru 100/2015 LM fl-ismijiet Grace Spiteri *et v.* Amabile Grech *et*;

»3. tordna r-rikuża tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff fil-kawża bin-numru 100/2015 fl-ismijiet Grace Spiteri *et v.* Amabile Grech *et*;

»4. taħtar ġudikant ieħor sabiex jippresjedi fuq il-kawża bin-numru 100/2015 fl-ismijiet Grace Spiteri *et v.* Amabile Grech *et*;

»5. tagħti dawk l-ordnijiet u r-rimedji kollha li jidhrilha xierqa u opportuni, inkluż il-likwidazzjoni tad-danni u l-ordni għal-ħlas ta' l-istess.«

7. L-Avukat Ġenerali ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

»1. illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet minnha mressqa għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet segwenti li qegħdin jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

»… … …

»5. illi … kull allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa intempestiv in kwantu d-dritt ta' smigħ xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċeduri kollha;

»6. illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrespinġi kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti fis-sens li ġie leż id-dritt tagħha għal smiegħ xieraq … … …;

»7. illi kif ġustament osservat l-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet tagħha tal-31 ta' Ottubru 2016, hija dejjem imxiet mal-liġijiet proċedurali fl-andament tal-kawża surriferita u kull allegazzjoni da parti tar-rikorrenti li l-ġudikant in kwistjoni ma żammx "l-imparzjalità tiegħu fil-kwistjoni" hija manifestament infondata u insostenibbli. Lanqas ma

ġew vjolati l-prinċipji ta' *audi alteram partem* jew *nemo judex in causa propria* kif allegat mir-rikorrenti. Għalkemm din il-qorti mhijiex qorti tat-tielet istanza, jiġi rilevat li ma tissussisti l-ebda raġuni valida la fil-fatt u lanqas fid-dritt li kienet timmerita l-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti għar-rikuża tal-ġudikant li jippresjedi l-kawża surriferita;

»8. illi bla ħsara għal dan, … it-talba [tal-attriċi] għal rikuża ma kienet ibbażata fuq l-ebda disposizzjoni speċifika tal-liġi b'dan illi huwa inammissibbli allura li f'dan l-istadju r-rikorrenti tallega bl-aktar mod vag li l-artikoli 733 *se seq.* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma leżivi għad-drittijiet fundamentali tagħha. Kif tgħallem il-ġurisprudenza, allegazzjonijiet dwar drittijiet fundamentali m'għandhom qatt ikunu biss eżerċizzju akkademiku;

»9. illi f'kull każ u dejjem bla ħsara għall-premess, id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar ir-rikuża ta' mħallfin u maġistrati bl-ebda mod ma jilledu d-dritt għal smigħ xieraq garantit bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u dwar dan l-esponent jirriżerva li jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu wara l-għeluq tal-provi kif trid il-liġi;

»10. illi jsegwi għalhekk li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti fis-sens li ġew jew jistgħu jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tagħha a tenur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem huma kollha infondati u inammissibbli b'dan illi t-talbiet tagħha m'għandhomx jiġu milqugħa;

»11. illi bla ħsara għal dan, in kwantu l-ewwel talba tar-rikorrenti kif ukoll parti mill-premessi jirreferu għall-artikolu 378 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jirreferi għall-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, l-esponent jirrileva ulterjorment li tali talba hija ukoll inammissibbli in kwantu l-imsemmi artikolu tal-liġi bl-ebda mod ma jorbot mal-allegazzjonijiet sollevati mir-rikorrenti;

»12. illi f'kull każ, *dato ma non concesso* u biss għall-grazzja tal-argument li din l-onorabbli aorti ssib ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, ir-rimedji mitluba minnha m'għandhomx jiġu akkolti.«

8. L-ewwel qorti ddeċidiet li:

»… … … filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kontenuti fil-paragrafi 4 u 5 tar-risposta tal-Avukat Ġenerali, tilqa' l-eċċezzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 11 u 6-7 tal-istess risposta, u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

»Il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha għandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.«

9. Safejn huma rilevanti għal dan l-appell odjern, l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għas-sentenza tagħha tat-13 ta' Novembru 2017 ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Din hija kawża intavolata mir-rikorrenti wara illi ġiet miċħuda t-talba tagħha għar-rekuża tal-imħallef sedenti fil-kawża fl-ismijiet Grace Spiteri *v.* Amabile Grech *et*, numru 100/2015, u dan għaliex ir-rikorrenti tħoss ruħha aggravata kemm mill-liġi, u kif ukoll miċ-ċaħda innifisha, u hija tal-fehma illi d-dritt tagħha għal smigħ xieraq u d-dritt tagħha għal rimedju effettiv ġew leżi.

»… … …

»Rigward id-dritt għal smigħ xieraq

»Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet A.K. *v.* Liechtenstein deċiża mill-qorti ta' Strasbourg fid-9 ta' Lulju 2015 fejn kienet instabet vjolazzjoni għad-dritt ta' smigħ xieraq għaliex ir-rikorrent, f'dik il-kawża, kien talab ir-rikuża ta' kull membru tal-qorti fuq l-istess raġunijiet, u għalhekk, għalkemm l-ebda membru ma kien qed jiddeċiedi t-talba għar-rikuża tiegħu nnifsu, il-qorti ta' Strasbourg kienet tal-opinjoni illi ġaladarba t-talbiet għar-rikuża kienu identiċi, meta ġudikant kien qed jiddeċiedi fuq ir-rikuża ta' membri ieħor tal-qorti, xorta waħda kien intefa' dubbju fuq l-imparzjalità ta' kull ġudikant fid-deċiżjoni għar-rikuża.

»Minn studju komparattiv tal-proċeduri addotatti f'diversi pajjiżi għar-rikuża ta' ġudikant, jirriżulta illi f'numru ta' pajjiżi, u *cioè* l-pajjiżi li għandhom is-sistema ta' *common law,* huwa l-ġudikant stess, li tiegħu qed tiġi mitluba r-rikuża, li jiddeċiedi dwar it-talba għar-rikuża tiegħu, filwaqt illi f'pajjiżi oħra, l-liġi tipprovdi illi għandu jkun ġudikant ieħor, jew qorti oħra, li tiddeċiedi t-talba għar-rikuża.

»… … …

»Ġudikant illi jrid jiddeċiedi talba għar-rikuża tiegħu stess jinsab f'posizzjoni odjuża, għaliex tali talba hija rradikata fuq dubbju rigward l-imparzjalità, jew almenu d-dehra tal-imparzjalità tiegħu, meta l-imparzjalità tal-ġudikant hija element tant fondamentali tas-sistema ġudizzjarja ta' pajjiż demokratiku, illi tista' tgħid, illi ssir parti mill-identità ta' ġudikant innifsu, parti mill-attributi professjonali u etiċi tiegħu. … … …

»Il-proċedura tar-rikuża hija marbuta sfiq mad-dritt ta' smigħ xieraq quddiem qorti imparzjali, u għalhekk il-proċedura provduta mill-liġi għandha tkun tali illi tiggarantixxi u tipproteġi dan id-dritt, u *inoltre* li tagħmilha possibli li mhux biss issir ġustizzja, iżda anke li tidher li l-ġustizzja qed issir. Barra minn hekk, din il-proċedura hija wkoll importanti mill-punt di vista tal-perċezzjoni tal-fiduċja li l-qrati għandhom jispiraw fil-pubbliku, fl-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom u fl-impenn (*committment*) tagħhom lejn il-ġustizzja u s-saltna tad-dritt.

»Dwar id-Dritt għal Rimedju Effettiv

»… … …

»Ir-rimedji a dispożizzjoni tal-individwu mill-istat jistgħu ikunu speċifiċi jew ġenerali: speċifiċi meta jkunu marbuta ma' ċirkostanzi speċifiċi, bħal per eżempju l-proċeduri intiżi sabiex jiksbu r-rilaxx ta' persuna soġġetta għal arrest illegali; rimedji ġenerali, huma dawk li jinkludu l-proċeduri kostituzzjonali. Il-prinċipju ġenerali illi r-rimedju għandu jkun effettiv, suffiċjenti u aċċessibli japplika wkoll fil-każ ta' tali rimedji ġenerali. … …

»… … …il-qorti hija tal-fehma illi il-fatt li l-artikolu 738(1) ma jipprovdix dritt ta' appell minn deċiżjonijiet rigward ir-rikuża ta' ġudikant ma jfissirx neċessarjament illi l-liġi tikser id-dritt għal rimedju effettiv. Dan għaliex kull individwu li jħossu aggravat minn deċiżjoni ta' ġudikant li tirrifjuta t-talba tiegħu għar-rikuża għandu dritt jirrikorri għall-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali sabiex jikseb rimedju għall-aggravju tiegħu, u dana permezz ta' żewġ proċeduri: fl-ewwel lok, billi jitlob lill-qorti sabiex tirreferi l-kwistjoni lill-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, b'mod illi lanqas ikollu bżonn jinkorri l-ispejjeż inizjali tal-intavolar ta' kawża; u fit-tieni lok, billi jintavola proċeduri *ad hoc,* u dan anke jekk il-qorti ordinarja tkun ċaħditlu t-talba għar-referenza. Min-naħa tagħhom, il-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali ma jirrikonoxxu ebda limitu fl-istħarriġ tagħhom fuq l-ilment imressaq quddiemhom, u jistgħu għalhekk jagħmlu kostatazzjonijiet kemm ta' fatti kif ukoll tad-dritt. L-obbligu taċ-ċittadin li jeżawrixxi r-rimedji ordinarji huwa interpretat b'mod ristrett mill-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali, u dan biex, kemm jista' jkun, l-ilmenti li jinġiebu a konjizzjoni ta' dawn il-qrati jiġu mistħarrġa, u, jekk hemm bżonn, rimedjati. Fil-każ imbagħad illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali jsibu illi l-ilment tar-rikorrent huwa fondat, għandhom poteri diskrezzjonali wiesgħa (limitati biss mill-Kostituzzjoni stess) sabiex jakkordaw rimedji li huma xierqa u suffiċjenti biex jindirizzaw il-ksur soffert mir-rikorrent.

»Għalhekk fil-fehma tal-qorti r-rimedju kostituzzjonali huwa wieħed effettiv *ai termini* tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, u dan fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-qorti ta' Strasbourg fuq din il-materja. Għaldaqstant din il-parti tal-ilment tar-rikorrenti hija infondata u qed tiġi miċħuda.

»L-ewwel talba tar-rikorrent

»Fl-ewwel talba tagħha, ir-rikorrenti talbet lill-qorti sabiex tiddikjara li hija soffriet ksur għad-dritt tagħha għal smigħ xieraq u għal rimedju effettiv "u dan fir-rigward tal-artikolu 378 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-liġijiet relativi".

»B'referenza għal din it-talba, l-Avukat Ġenerali eċċepixxa fil-paragrafu 11 illi din it-talba hija inammissibbli *stante* illi l-artikolu ċitat mir-rikorrenti fit-talba tagħha jirreferi għall-mandat ta' sekwestru.

»Il-qorti rat illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun meta jgħid illi l-artikolu ċitat mir-rikorrenti fit-talba tagħha jirreferi għal mandat ta' sekwestru, u li għalhekk m'għandu xejn x'jaqsam ma' din l-azzjoni. Il-qorti rat illi minkejja li r-rikorrenti ilha li nġibditilha l-attenzjoni għal dan sa mid-9 ta' Diċembru 2016 hija qatt ma talbet għad-debita korrezzjoni. Għalkemm, kif ingħad qabel, f'kawżi ta' natura kostituzzjonali ma jintużax formaliżmu eżaġerat, dan ma jfissirx illi għandu jkun hemm permissiviżmu eżaġerat lanqas. Fil-fehma tal-qorti, ġaladarba r-rikorrenti rabtet l-ewwel t-talba tagħha mal-artikolu 378 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-qorti ma tistax tagħti d-deiżjoni tagħha a bażi ta' artikolu differenti.

»Għalhekk il-qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni kontenuta fil-ħdax il-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrenti.

»Ir-rikorrenti tibbaża l-ilment tagħha mhux biss fuq l-istat viġenti tal-liġi, iżda anke in partikolari fuq iċ-ċaħda tal-imħallef li ppresedja dik il-kawża għat-talba tagħha li jirrikuża ruħu, u dan permezz ta' provvediment datat il-31 ta' Ottubru 2016 mogħti fil-kawża fl-ismijiet

Grace Spiteri *v.* Amabile Grech *et* bin-numru 100/2015 LM. Ir-rikorrenti tippremetti illi "… ma kienet xejn kuntenta u sodisfatta bl-andament tal-kawża minħabba l-atteġjament tal-istess imħallef sedenti*"* u dan għal żewġ raġunijiet:

»1. il-fatt illi l-qorti ċaħdet it-talba tagħha sabiex jinħatar perit arkitett biex jaċċedi l-fond u jirraporta dwar l-ilment fattwali tar-rikorrenti; u

»2. il-fatt illi l-qorti "… involviet ruħha f'argument mal-avukat difensur [tar-rikorrenti] u opponiet bil-qawwa l-preżentata tal-istess *files* mitluba u ordnat biss li jiġu preżentati ftit folji mill-istess *files*!"

»Skont ir-rikorrent dan "l-atteġjament" tal-imħallef sedenti f'dawk il-proċeduri ixaqleb biċ-ċar kontra tagħha u wassalha sabiex titlef il-fiduċja fl-istess ġudikant, "speċjalment meta l-istess ġudikant beda jagħmel dak li kien qed jissuġġerixxi l-avukat tal-istess Amabile Grech, mingħajr ma jżomm l-imparzjalità tiegħu fil-kwistjoni".

»Il-qorti tibda billi tirrileva illi mhux kwalunkwe ċaħda ta' xi talba magħmula minn parti f'kawża tista' twassal għal konklużjoni illi l-ġudikant huwa preġudikat kontra dik il-parti, u li *inoltre* l-ġudikanti m'humiex qegħdin hemm sabiex jissodisfaw il-partijiet billi jaċċettaw it-talbiet kollha tagħhom ikun xi jkun il-każ, iżda qegħdin hemm biex japplikaw il-liġi u jagħmlu ġustizzja mal-partijiet fil-kawża.

»Il-Qorti Ewropea rreteniet illi l-imparzjalita' għandha signifikat ta' nuqqas ta' preġudizzju jew *bias*, liema preġudizzju jew *bias* jista' jiġi mixtarr f'diversi modi – prinċipalment permezz ta' analiżi jew eżami soġġettiv u analiżi oġġettiv:

»… … …

»Din il-parzjalità soġġettiva tista' tiġi aċċertata fejn per eżempju l-ġudikant juri xi ostilità jew "*ill-will for personali reasons*" lil waħda mill-partijiet. … … …

»Fir-rigward tal-kwistjoni taċ-ċaħda tat-talba għal ħatra ta' perit arkitett, il-qorti rat illi skont il-verbal tal-21 ta' April 2015 l-Avukat Kevin Camilleri Xuereb għall-intimat Perit Marvin Ellul talab sabiex qabel isir eżami fil-meritu jiġu mistħarrġa l-eċċezzjonijiet preliminari mqanqla, għal liema talba aderixxa ruħha magħha l-Avukat Daniel Calleja li kien qed jidher għas-Supretendent tas-Saħħa. Jirriżulta illi r-rikorrenti talbet sabiex il-qorti taħtar perit arkitett sabiex jikkonstata eżattament il-meritu tal-kawża qabel ma tgħaddi għall-eċċezzjonijiet imsemmija. Min-naħa tagħha, il-qorti ċaħdet din it-talba tar-rikorrenti u ordnat li jitressqu l-provi rigward l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Awtorità ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u t-tieni eċċezzjonijiet tal-Bord tas-Servizzi Ġenerali, u ħalliet il-kawża għall- provi kollha rigward dawn l-eċċezzjonijiet, u jekk ikun il-każ dwar l-eċċezzjonijiet preliminari kollha l-oħra.

»Jirriżulta wkoll illi l-eċċezzjoni preliminari tal-*MEPA* u l-*General Services Board ai termini* tal-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kienet fondata billi r-rikorrenti kienet naqset milli tippreżenta ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju kontra dawn l-entitajiet qabel ma intavolat il-kawża kontra tagħhom, u għalhekk fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2015 l-avukat difensur tar-rikorrenti informa l-qorti li kien ser jippreżenta nota ta' ċessjoni fil-konfront ta' dawn l-entitajiet. Fil-verbal tal-5 ta' Novembru 2015 imbagħad, il-Perit Marvin Ellul irtira l-ewwel

eċċezzjoni preliminari tiegħu, u l-qorti ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni dwar it-tielet u s-sitt eċċezzjoni tal-istess perit. Sussegwentement fit-3 ta' Marzu 2016 l-intimat Amabile Grech talab sabiex tiġi wkoll deċiża l-ewwel eċċezzjoni tiegħu peress illi tkopri l-istess punti legali mressqa fit-tielet eċċezzjoni tal-intimat Perit Ellul u għalhekk saret trattazzjoni fuq it-tielet u sitt eċċezzjoni tal-intimat Perit Ellul u l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Grech, u l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq dawn l-eċċezzjonijiet. Permezz tas-sentenza *in parte* mogħtija fid-9 ta' Mejju 2016, il-qorti imbagħad għaddiet sabiex tilqa' *in parte* dawn l-eċċezzjonijiet u ordnat il-prosegwiment tal-kawża tar-rikorrenti fil-meritu għar-rigward tat-talbiet numru ħamsa sa sebgħa. Ir-rikorrenti bdiet għalhekk tressaq il-provi tagħha, iżda fl-ebda ħin ma reġgħat talbet lill-qorti sabiex taħtar perit tekniku issa illi l-kawża kienet qed tinstema fuq il-meritu.

»Illi għalhekk din l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija *ictu oculi* infondata u inveritiera. L-ewwel nett, lanqas biss kien l-avukat difensur ta' Amabile Grech illi talab sabiex jiġu determinati l-eċċezzjonijiet preliminari qabel ma jiġi determinat il-meritu, iżda kien l-avukat difensur tal-Perit Marvin Ellul, u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li l-qorti kienet qiegħda b'xi mod taġevola lil Grech. It-tieni nett, m'hemm xejn mhux f'loku bil-fatt illi l-qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal ħatra tal-perit tekniku fi stadju fejn kien hemm eċċezzjonijiet preliminari, id-determinazzjoni ta' liema ma kienet bl-ebda mod tiddependi fuq il-meritu tal-kawża. Għalhekk id-deċiżjoni tal-imħallef sedenti illi jiċħad it-talba tar-rikorrenti għal ħatra ta' perit tekniku hija, fil-fehma tal-qorti, kompletament raġonevoli u żgur ma tagħtix lok għal dubbju oġġettivi u raġonevoli rigward l-imparzjalità tiegħu. Dan speċjalment meta r-rikorrenti lanqas biss reġgħet għamlet talba oħra għal ħatra ta' perit tekniku meta l-kawża kienet waslet fi stadju tal-provi fuq il-meritu.

»Rigward it-tieni parti ta' dan l-ilment, il-qorti rat illi skont il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2016 l-avukat tar-rikorrenti talab sabiex, għall-udjenza li jmiss, ix-xhud Oliver Magro jesebixxi kopja tal-korrispondenza bejn ir-rikorrenti u / jew il-periti tagħha u l-*MEPA* u l-*files* tal-*MEPA* li għandhom x'jaqsmu dwar permessi li ngħataw lil Amabile Grech fuq il-fond in kwistjoni u jekk jista' jkun il-minuti li kienu ttieħdu.

»Mit-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Oliver Magro tal-istess seduta, jirriżulta illi dan l-allegat involviment tal-imħallef sedenti mal-avukat tar-rikorrenti kien biss ċanfira żgħira kif jidher minn *fol.* 281 tal-proċess ta' dik il-kawża, fejn l-imħallef sedenti indirizza lil avukat tar-rikorrenti biex "Meta tħarrek xhud, darba oħra ftakar li ħarriktu". *Di più* l-imħallef qal lill-istess avukat difensur illi l-korrispondenza mibgħuta mill-klijenta tiegħu seta' ppreżentaha hu stess. Ma jirriżulta minn imkien illi kien hemm xi argument bejn l-imħallef u l-avukat. Il-qorti tqis illi l-imħallef sedenti għandu obbligu li jissorvelja l-andament tal-kawżi u jassikura li dan isir b'mod xieraq u espedjenti. Huwa l-obbligu tal-imħallef sedenti li jċanfar, jekk hemm bżonn, lil kull uffiċjal tal-qorti li jonqos minn dmirijietu, naturalment basta li din iċ-ċanfira ma teċċedix il-limiti tar-rispett u r-raġonevolezza, li ċertament ma kienx il-każ fil-proċeduri lamentati.

»Apparti minn hekk, jirriżulta illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-imħallef irrifjuta li jħalli lix-xhud Magro jippreżenta *l-file* in kwistjoni hija waħda inveritiera. Mit-traskrizzjoni tax-xiehda ta' Oliver Magro tal-udjenza msemmija, u senjatament fuq id-*dorso* ta' *fol.* 281 tal-proċess, jirriżulta

s-segwenti skambju bejn l-imħallef sedenti u x-xhud qabel ma spiċċat id-deposizzjoni tal-istess xhud.

> »Qorti: "Għal li jista' jkun ġib il-*files* miegħek ħalli jekk ikun irid jarahom.
>
> »Xhud: "Mhux problema. Grazzi".

»Fl-udjenza li kien imiss, u *cioè* dik tal-31 ta' Ottubru 2016, meta Oliver Magro kellu jieħu miegħu il-*file* biex ir-rikorrenti tara xi trid li jiġi preżentat minnu, jirriżulta illi la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur tagħha ma deher.

»Għalhekk jidher illi m'huwiex minnu illi l-imħallef sedenti irrifjuta li jħalli lix-xhud Oliver Magro jipproduċi l-*file* mitluba mir-rikorrenti, għaliex mit-traskrizzjoni jidher illi kien l-imħallef stess li ordna lix-xhud biex jipproduċi l-*file* mitlub mir-rikorrenti fl-udjenza li jmiss, filwaqt li mill-verbal jidher li l-avukat tar-rikorrenti għamel talba f'dan is-sens għan-nom tar-rikorrenti, liema talba ma ġietx miċħuda mill-qorti.

»Il-qorti tqis illi l-aġir tal-konsulent legali tar-rikorrenti mhuwiex wieħed denju ta' uffiċjali tal-qorti. Huwa inawdit u inaċċettabbli illi jintużaw proċeduri ta' natura kostituzzjonali sabiex tiġi attakata l-integrità ta' ġudikant, permezz ta' allegazzjonijiet fittizji.«

10. L-attriċi Grace Spiteri appellat minn din is-sentenza b'rikors tas-27 ta' Novembru 2017 li għalih wieġeb l-Avukat Ġenerali fil-15 ta' Diċembru 2017.

11. L-ewwel aggravju jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li hemm rimedju effettiv fil-każ li wieħed iħossu aggravat minn deċiżjoni ta' ġudikant li tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża ta' dak l-istess ġudikant. L-attriċi tgħid illi għandu jkun hemm rimedju ordinarju għal min iħossu aggravat minn deċiżjoni bħal dik u ma għandux ikollu jfittex rimedju straordinarju taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni. Kompliet tfisser dan l-aggravju hekk:

»illi skond l-ewwel onorabbli qorti l-fatt li l-artikolu 738(1) ma jipprovdix dritt ta' appell minn deċiżjonijiet rigward ir-rikuża ta' ġudikant ma jfissirx neċessarjament illi l-liġi tikser id-dritt għal rimedju effettiv;

»illi l-ewwel onorabbli qorti waslet għal din il-konklużjoni billi kull individwu li jħossu aggravat minn deċiżjoni ta' ġudikant li tirrifjuta t-talba tiegħu għar-rikuża għandu dritt jirrikorri għall-qrati ta' ġuris-dizzjoni kostituzzjonali sabiex jikseb rimedju;

»illi ġustament l-ewwel onorabbli qorti kkonkludiet dan wara li qieset li taħt il-liġi Maltija kull min għandu lanjanza ta' natura kostituzzjonali jista' jew jiftaħ kawża *ad hoc* jew inkella jitlob li ssir referenza kostituzzjonali. L-ewwel onorabbli qorti qieset ukoll illi s-setgħat imħollija għall-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali huma mingħajr limitu u għalhekk ċertament li kapaċi joffru kwalsiasi rimedju li jkun meħtieġ fid-dawl tal-lanjanza kostituzzjonali;

»illi għalhekk, skond l-ewwel onorabbli qorti, ir-rimedju kostituzzjonali li jista' jirrikorri għalih kull min iħoss id-drittijiet fundamentali tiegħu mhedda huwa wieħed 'effettiv' u għalhekk konformi ma' tali rekwiżit kif żviluppat u adoperat mill-*ECtHR*;

»illi madanakollu l-esponenti umilment tissottometti li l-ewwel onorabbli qorti naqset milli tikkonsidra jekk tali rimedju kostituzzjonali hux wieħed 'ordinarju' u mhux sempliċiment effettiv;

»illi dan qiegħed jingħad *stante* li biex rimedju jitqies bħala wieħed effettiv irid ukoll ikun wieħed ordinarju, b'dan li mhux mistenni li individwu jkollu ta' bilfors jirrikorri għall-proċeduri ta' natura stra-ordinarji sabiex jissalvagwardja l-interessi tiegħu;

»illi *del resto* huwa risaput kif taħt il-liġi nostrana proċeduri ta' natura kostituzzjonali huma proċeduri straordinarji u għalhekk qajla jista' jiġi argomentat li l-fatt li individwu jista' dejjem jintavola proċeduri kostituzzjonali ifisser *ipso facto* li dejjem għandu rimedju effettiv;

»ili huwa bir-rispett sottomess li ladarba huwa aċċettat li proċeduri ta' natura kostituzzjonali f'Malta għandhom natura straordinarja mela ma jistgħux jiġu invokati bħala sors ta' rimedju ordinarju u għalhekk rimedju effettiv – speċjalment f'kuntest fejn tali proċeduri ma jif-furmawx parti minn numru ta' rimedji potenzjali iżda meta jiffiguraw bħala l-uniku rimedju;

»illi differenti seta' kien il-każ li kieku l-qrati Maltin ħaddnu filosofija ġurisprudenzjali fejn anki l-qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja kellhom is-setgħa li jinvestigaw u jagħtu rimedji għal lanjanzi ta' natura kostituzzjonali. Madanakollu din mhux il-pożizzjoni ġuridika viġenti u anzi huwa proprju għalhekk illi meta fil-mori ta' proċeduri ordinarji tqum kwistjoni kostituzzjonali hemm il-jedd li wieħed jitlob jew referenza kostituzzjonali jew inkella li jintavola kawża kostituzzjonali *ad hoc.* Dan il-mekkaniżmu fih innifsu jindika li l-qrati ordinarji Maltin ma għandhomx il-jedd li jiddeterminaw materji kostituzzjonali, u sabiex dan iseħħ wieħed irid bil-fors jirrikorri għall-proċeduri kostituzzjonali li huma minnhom infushom ta' natura straordinarja;

»illi l-appellanti tissottometti li n-nuqqas tal-liġi li tipprovdi rimedju ordinarju fir-rigward taċ-ċaħda għar-rikuża ta' mħallef sedenti ma jistax jiġi sanat billi wieħed jargumenta li persuna tista' dejjem tintavola proċeduri kostituzzjonali. Huwa bir-rispett sottomess illi meta jqumu kwistjonijiet fil-mori ta' proċeduri ordinarji, rimedju effettiv għandu jfisser li wieħed ikollu l-jedd li jfittex ukoll rimedju ordinarju u mhux jiġi mistenni li jirrikorri għall-proċeduri kostituzzjonali;

»illi fil-kuntest ta' proċeduri ordinarji, rimedju effettiv għandu jkun wieħed ordinarju ukoll, b'dan li l-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali għandhom biss ikunu l-aħħar tarka u l-aħħar sur li għalihom jirrikorri min ma jkollu ebda għażla oħra, b'dan li l-protezzjoni suprema u straordinarja li joffru tali qrati m'għandhomx jiġu użati [*recte*,

għandhom jiġu użati (?)] biss għax il-liġi ordinarja ma tagħtix rimedju effettiv;

»illi għalhekk l-esponenti appellanti umilment ma taqbilx mal-ewwel onorabbli qorti meta hija tasal għall-konklużjoni li ma hemmx ksur tal-jedd fundamentali għal rimedju effettiv billi għandu jirriżulta li r-rimedju kostituzzjonali huwa wieħed straordinarju u għalhekk huwa sproporzjonat ladarba l-liġi tista' faċilment tipprovdi rimedji oħra;

»illi l-ewwel onorabbli qorti naqset għal kollox li tindirizza dan il-punt u għalhekk din l-onorabbli qorti hija mitluba sabiex tirrevoka d-deċiżjoni tal-ewwel qorti in kwantu sabet li ma hemmx ksur tad-dritt fundamentali għar-rimedju effettiv;«

12. Effettivament dan l-aggravju jqanqal il-kwistjoni jekk il-fatt illi taħt l-art. 738 huwa l-imħallef rikużat stess li jiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni ta' rikuża tiegħu, u n-nuqqas ta' dritt ta' appell (jew rimedju ordinarju ieħor) minn dik id-deċiżjoni, ċaħħdux lill-attriċi minn rimedju xieraq u effettiv.

13. Jekk l-attriċi għandha raġun f'dan l-aggravju, ikun il-fatt li l-imħallef huwa msejjaħ biex jiddeċiedi fuq ir-rikuża tiegħu stess, u n-nuqqas ta' appell jew rimedju ieħor minn dik id-deċiżjoni, li jkun wassal għal ksur tal-jeddijiet tal-attriċi u mhux il-meritu tad-deċiżjoni, li jibqa' bla preġudizzju. Fi kliem ieħor, ir-rimedju, jekk jinsab li kien hemm ksur, ikun illi d-deċiżjoni titħassar mhux għax hija ħażina u kien imissha ntlaqgħet flok ġiet miċħuda, iżda biss għax ma kellhiex tiġi deċiża mill-istess imħallef bla dritt ta' appell. Il-konsegwenza tkun illi d-deċiżjoni titħassar u tintbagħat lura quddiem l-ewwel qorti presjeduta minn imħallef ieħor sabiex l-eċċezzjoni tiġi deċiża mill-ġdid; jekk imbagħad il-kawża ċivili tkompliex tinstema' quddiem l-Imħallef Mintoff jew quddiem imħallef ieħor ikun jiddependi fuq id-deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni.

14. Iżda billi d-deċiżjoni dwar ir-rikuża ngħatat fi proċeduri fejn kienu parti wkoll terzi, mhux biss l-attriċi tallum, it-tħassir ta' dik id-deċiżjoni jolqot il-posizzjoni legali ta' dawk it-terzi, bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq fid-dawl tar-regola *audi alteram partem*. Huwa ovvju għalhekk l-interess tat-terzi f'dawn il-proċeduri wkoll għax jekk l-appell jintlaqa' jintlaqtu wkoll id-drittijiet tagħhom. Għalhekk it-terzi li huma parti fil-kawża li fiha ngħatat l-eċċezzjoni ta' rikuża għandhom jissejħu f'din il-kawża wkoll sabiex il-qorti tisma' x'għandhom xi jgħidu.

15. Billi iżda l-art. 961 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi s-sejħa fil-kawża tista' ssir biss fil-qorti tal-ewwel grad, il-qorti tħassar is-sentenza li minnha sar dan l-appell, tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex issir is-sejħa fil-kawża, u l-kawża tinstema' u tiġi deċiża mill-ġdid b'ħarsien tal-ħtieġa tal-integrità tal-ġudizzju.

16. Għalissa kull parti tbati l-ispejjeż tagħha; ikun hemm deċiżjoni definittiva dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali.

Silvio Camilleri
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
mb